**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 30/2001**

**Il-Pulizija ( Supdt. Paul Debattista )**

**Vs**

**SAVIOUR SIVE SALVU SEYCHELL**
**- omissis -**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi mressqa kontra Saviour sive Salvu Seychell talli fil-Belt, Valletta, u f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta'Marzu, 1993, u matul l-ahhar xahrejn qabel id-29 ta'Marzu, 1993, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija lilu mill-Prsident ta'Malta li jkollu fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga giet lilu fornuta ghall-uzu tieghu skond ricetta kif jippovdu r-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta'Malta);
2. Forna jew pprokura, jew ofra li jforni d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew persuni jew ghal xi persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' ohra moghtija mill-President ta'Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzazzjoni li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern

tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

3. Assocja ruhu flimkien ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika Medicini Perikoluzi (eroina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), jew ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja assoccjazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 22 (1) (iii) (f) tal-Kap. 101;
4. Hajjar jew gieghel persuna jew persuni ohra sabiex jaghmlu reat jew reati kontra l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) bi ksur ta' l-Artikolu 22 (5) tal-Kap. 101.

Rat is-sentenza moghtija fil-5 ta'Frar, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Saviour sive Salvu Seychell hati ta' l-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi, u filwaqt li sabitu mhux hati fuq ir-raba akkuza w illiberatu minnha, ikkundannatu fuq l-ewwel tlett akkuzi misjub hati ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija, bit-tnaqqis taz-zmien li kien ilu taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors t'appell ta' Saviour sive Salvu Seychell datat 13 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-kumplament taghha w tilliberah minn kull htija w piena, u, fin-nuqqas, taghti sentenza li tkun taghmel aktar ghal kaz u ghac-cirkostanzi taz-zmien li fih kien gara dan ir-reat u c-cirkostanzi ta' l-akkuzat.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-aggravju ta' l-appellant huwa limitat ghall-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, li, skond hu, kien wiehed hazin tant li in bazi tal-provi li tressqu f'dan il-procediment, l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fih fl-ewwel tlett akkuzi dedotti kontrih. L-ahhar aggravju tieghu, imbaghad, hu dwar il-piena li nponiet fuqu l-ewwel Qorti.

Sabiex tara jekk l-appellant ghandhux ragun jew le fl-aggravju principali tieghu, din il-Qorti, li hi wahda ta' revizjoni w mhux ta' prima istanza, bhal ma dejjem necessarjament isir, ghamlet hi ukoll l-apprezzament taghha tal-provi sabiex tara jekk dak li sar mill-ewwel Qorti kienx wiehed tajjeb jew skorrett, u jekk in bazi tal-provi li kienet semghet dik il-Qorti tul medda ta' zmien u 'viva voce' kienux tali li hi ma setghetx ragjonevolment tasal sabiex issib htija fih kif fil-fatt sabet fuq l-ewwel tlett akkuzi.

Is-sottomissjoni ta' l-appellant hi li f'dan il-kaz hemm konflingenza fil-provi li twassal ghal dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk, stante li tali dubju ghandu dejjem jmur favur l-appellant, hu ma setghax jinstab hati mill-ewwel Qorti.

Il-Qorti rat li effettivament f'dawn il-proceduri, safejn jikkoncernaw lill-appellant Seychell, hemm zewg verzjonijiet. Hemm il-verzjoni tal-prosekuzzjoni li tallega li dan l-appellant wettaq ir-reati lilu addebitati fl-inhawi ta' kerrejja f'Strada Stretta, il-Belt, Valletta tul perijodu ta'zmien f'Marzu, 1993, u, hemm il-verzjoni ta' dan l-appellant li jichad dan l-involviment tieghu fit-traffikar tad-droga li kien qed isir hemmhekk, u jghid li kien imur f'dik il-kerrejja ghaliex hemmhekk kien jivvizita lill-bintu minorenni li kellu minn certa Brenda Mallia li tghix hemmhekk.

Il-verzjoni tal-prosekuzzjoni hija imsahha mix-xhieda diretta ta' Emanuel Montanaro, Robert Formosa w Joseph Mallia, kif ukoll minn sensiela ta'ritratti u videos migbuda mill-pulizija waqt li kienu qed jissorveljaw il-post imsemmi minhabba suspett li hemmhekk kienet qed issir attivita' illegali ta'traffikar u pussess ta'droga, f'liema ritratti u videos jidher dan l-appellant, kif ukoll minn provi cirkostanzjali ohra li jorbtu b'mod univoku lil dan l-appellant ma' din l-attivita'. Mill-banda l-ohra, hemm il-verzjoni ta' l-appellant li jichad dan is-sehem tieghu u jaghti l-ispjegazzjoni msemmija ghaliex kien ikun ta' spiss f'dawk l-inhawi.

Ghandu jigi rilevat li din il-Qorti ma tara l-ebda konflingenza fil-provi. Bhal ma kwazi dejjem jigri f'kull process kriminali, hawn verzjonijiet differenti u ghalhekk il-Qorti tghamel l-apprezzament taghha tal-provi sabiex tara liema verzjoni hija l-aktar attendibbli. Fil-kaz prezenti, kif jidher evidenti mill-korp tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat u approfondit sewwa tal-provi kollha li kienet semghet. U wara li ezaminat u analizzat dak kollu li tressaq quddiemha, inkluzi l-provi w argumentazzjonijet ta' l-appellant, waslet ghall-konkluzzjoni taghha li, kunsidrat kollox, kellha temmen il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u mhux dik ta' l-appellant. Dan huwa ezercizzju normali li jsir dejjem f'kull process kriminali. L-ewwel Qorti dehrilha li l-provi tal-prosekuzzjoni, imsahhin u korroborati kif gja' intqal, wasluha sa dak il-grad tal-konvinciment morali sabiex issib u tiddikjara lill-appellant hati ta' l-ewwel tlett akkuzi addebitati lilu.

Dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti sabiex waslet ghal din il-konkluzzjoni, din il-Qorti ma ghandha x'ticcensura assolutament xejn. Kien apprezzament maghmul tajjeb u skond il-ligi, u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti allura setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant. Ma hemm xejn hazin jew skorrett f'dak li ghamlet l-ewwel Qorti, lanqas ma interpretat hazin xi punt tal-ligi. Mill-assjem tal-provi li ezaminat dehrilha li kellha temmen sal-grad rikjest mil-ligi dak li allegat il-prosekuzzjoni dwar l-appellant. U kien propju ghalhekk li hasset li l-verzjoni ta' l-appellant mhiex wahda attendibbli, fis-sens li ma kienx lahaq il-grad tal-probabbli fil-verzjoni tieghu jew ma kienx irnexxielu inissel id-dubju ragjonevoli fil-verzjoni tal-prosekuzzjoni. Ma hemm assolutament xejn hazin f'dan l-ezercizzju ta' l-ewwel Qorti fejn ezercitat id-diskrezzjoni taghha sabiex tasal ghall-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom. Ghalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant huwa respint.

Dwar l-aggravju ta' l-appellant Seychell koncernanti l-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti, ftit li xejn ghandha tghid din il-Qorti. Ir-reati li taghhom instab hati mill-ewwel Qorti huma reati ferm gravi u serji. Barra minn hekk jirrizulta car li l-attivita' in kwistjoni kienet wahda kostanti, organizzata tajjeb u kienet ilha sejra ghal xi zmien. Jidher li kien hemm negozju ta' traffikar ta' droga f'ammonti sostanzjali, u allura, kunsidrat kollox, il-piena mposta mill-ewwel Qorti kienet wahda ferm adegwata w gusta ghal-kaz. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

Ghall-motivi premessi, il-Qorti qed tichad l-appell ta' Saviour sive Salvu Seychell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur